**Skali globali**

| | | |
|---|---|---|
| **Użu profiċjenti** | **Ċ2** | Għandu ħila jifhem mingħajr problemi kulma jisma' jew jaqra. Għandu ħila jqassar tagħrif miksub minn għejun mitkellma u miktuba differenti, kif ukoll jerġa' jibni argumenti u rapporti b'mod koerenti. Għandu ħila jesprimi lilu nnifsu b'mod spontanju, mexxej u preċiż, filwaqt li jagħraf id-differenzi li ma humiex daqshekk fid-deher tat-tifsir f'sitwazzjonijiet kumplessi. |
| **Użu profiċjenti** | **Ċ1** | Għandu l-ħila jifhem medda wiesgħa ta' testi itwal u pjuttost iebsa, u jagħraf it-tifsira moħbija. Għandu ħila jesprimi lilu nnifsu b'mod mexxej u spontanju mingħajr ma jagħmel wisq tfittix ovvju biex isib l-espressjoni. Għandu ħila juża l-lingwa b'mod flessibli u effettiv għal għanijiet soċjali, akkademiċi u professjonali. Għandu ħila jipproduċi testi ċari, mibnija tajjeb u dettaljati fuq suġġetti kumplessi, u juri li għandu l-ħila li jagħmel użu minn mekkaniżmu ta' modi kif ngħaqqdu, norbtu u nsenslu ħaġa ma' oħra. |
| **Użu indipendenti** | **B2** | Għandu ħila jifhem l-ideat ewlenin ta' kumplessi kemm fuq suġġetti konkreti kif ukoll astratti, u li jkunu jinkludu diskussjonijiet tekniċi fl-għalqa ta' l-ispeċjalizzazzjoni tiegħu. Għandu l-ħila jitkellem b'ċertu fluwenza u spontanjetà li twassal biex ikun hemm interazzjoni regulari ma' kelliema nattivi possibbli mingħajr l-ħtieġa ta' xi sforz partikolari min-naħa ta' ħadd. Għandu l-ħila jipproduċi testi ċari u dettaljati fuq medda wiesgħa ta' suġġetti u jispjega opinjoni fuq suġġett topiku billi jagħti l-vantaġġi u l-iżvantaġġi ta' deċiżjonijiet varji. |
| **Użu indipendenti** | **B1** | Għandu l-ħila jifhem l-punti ewlenin ta' livell ċar u standard fuq materji familjari li wieħed jiltaqa' magħhom regolarment fix-xogħol, waqt l-iskola, fil-ħin liberu, eċċ. Għandu l-ħila jidħol għas-sitwazzjonijiet tista' tgħid kollha li jinqalgħu waqt li jkun qiegħed jivvjaġġa f'xi post fejn il-lingwa hija mitkellma. Jista' jipproduċi test sempliċi u li jsegwi fuq suġġetti li huma familjari jew li huma ta' interess personali. Jista' jiddeskrivi esperjenzi jew avvenimenti, ħolm, xewqat jew ambizzjonijiet u fil-qosor jagħti r-raġunijiet u l-ispjegazzjoni għall-opinjonijiet u l-pjanijiet. |
| **Użu bażiku** | **A2** | Għandu ħila jifhem sentenzi u espressjonijiet użati b'mod frekwenti marbuta ma' ħwejjeġ ta' relevanza li ma tmurx 'il bogħod minnu (eż. tagħrif bażiku ħafna personali u dwar il-familja, xiri minn ħwienet, ġeografija lokali, impjiegi). Għandu ħila jikkomunika f'xogħolijiet sempliċi u ta' rutina li jinħtieġu bdil sempliċi u dirett ta' tagħrif fuq materjal familjari u ta' rutina. Għandu ħila jiddeskrivi f'termini sempliċi aspetti tal-post fejn joqgħod, l-ambjent immedjat tiegħu u materji f'ambjent ta' ħtiġijiet immedjati. |
| **Użu bażiku** | **A1** | Għandu ħila jifhem u juża espressjonijiet familjari tal-ħajja ta' kuljum u frażijiet bażiċi ħafna li l-għan tagħhom huwa s-sodisfazzjon ta' ħtiġijiet tat-tip konkret. Għandu l-ħila jintroduċi lilu nnifsu u oħrajn u jista' u jwieġeb mistoqsijiet dwar dettalji personali bħal fejn hu jgħix, nies li hu jaf u ħwejjeġ li hu għandu. Għandu l-ħila jkollu x'jaqsam b'mod sempliċi darba waħda l-persuna l-oħra titkellem bil-mod u b'mod ċar u hija mħejjija biex tgħin. |